

## Avviż dwar il-protezzjoni tad-data

### Żjarat ta' gruppi ta' viżitaturi fil-Parlament Ewropew

L-aħħar aġġornament: 10.08.2023

Il-Parlament Ewropew jipproċessa d-data personali tiegħek għall-finijiet ta' prenotazzjoni ta' żjarat ta' gruppi ta' viżitaturi sponsorjati u mhux sponsorjati fil-Parlament Ewropew, għall-organizzazzjoni taż-żjarat għal gruppi indipendenti u gruppi sponsorjati permezz tal-kapijiet ta' gruppi rispettivi tagħhom u għall-ġestjoni amministrattiva u finanzjarja taż-żjarat tal-gruppi (għall-gruppi sponsorjati).

Nipproċessaw id-data personali tiegħek abbażi tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament").

L-informazzjoni li qed nagħtuk hawn taħt hi bbażata fuq l-Artikolu 15 u l-Artikolu 16 tar-Regolament.

#### 1) Min jipproċessa d-data personali tiegħek?

Il-Parlament Ewropew jaġixxi ta' kontrollur<sup>1</sup> u d-dipartiment responsabbli għall-ipproċessar huwa l-Unità taż-Żjarat u s-Seminars fi ħdan id-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni (DG COMM), irrappreżentata mill-Kap tal-Unità tagħha.

Tista' tikkuntattja lill-kontrollur permezz ta' email lil [visit@europarl.europa.eu](mailto:visit@europarl.europa.eu) jew bil-posta, b'envlop issiġillat, lil: Visitors and Seminars Unit, Attention: the Head of Unit, Directorate-General for Communication, European Parliament, 60 rue Wiertz / Wiertzstraat 60, B-1047 - Bruxelles/Brussels.

#### 2) X'inhum l-iskop tal-ipproċessar tad-data personali tiegħek?

L-ipproċessar tad-data personali għandu l-għanijiet li ġejjin:

- Prenotazzjoni ta' żjarat ta' gruppi ta' viżitaturi sponsorjati u mhux sponsorjati fil-Parlament Ewropew (inkluż l-aċċess għall-bini tal-Parlament Ewropew);
- L-organizzazzjoni taż-żjarat għal gruppi indipendenti u gruppi sponsorjati permezz tal-kapijiet tal-gruppi rispettivi tagħhom;
- Il-ġestjoni amministrattiva u finanzjarja taż-żjarat tal-gruppi (għall-gruppi sponsorjati);
- Biex jingħata aċċess għall-bini u l-viżitaturi jiġu pprovduti b'badge. F'dan il-każ, id-data personali tiġi pproċessata ulterjorment mid-Direttorat Ġenerali għas-Sigurtà u l-Protezzjoni (DG SAFE) tal-Parlament Ewropew biex il-viżitaturi jingħataw aċċess għall-bini tal-avveniment u jiġu pprovduti b'badge ta' aċċess speċifika għall-avveniment.

---

<sup>1</sup> Kontrollur huwa l-awtorità pubblika, l-aġenzija jew korpi eħor li, waħdu jew flimkien ma' oħrajn, jiddetermina l-finijiet u l-mezzi tal-ipproċessar tad-data personali. Il-kontrollur huwa rrappreżentat mill-kap tal-entità.

Aktar informazzjoni dwar din l-attività ta' pproċessar hija pprovduta fir-rekord Nru 435, "Accréditation - Titres et autorisations d'accès au Parlement européen".

### 3) X'inhi l-bażi legali għall-ipproċessar?

Il-bażi legali għall-ipproċessar tad-data personali hija l-Artikolu (5)(1)(b) tar-Regolament (UE) 2018/1725 – jiġifieri, il-konformità mal-obbligu legali li għalih huwa soġġett il-kontrollur (li huwa stabbilit fl-Artikolu 16 u fl-Artikolu 13 tar-Regoli tal-Parlament Ewropew dwar l-akkoljenza ta' gruppi ta' viżitaturi tas-16 ta' Diċembru 2002, kif emendati l-aħħar fit-18 ta' Jannar 2021, kif ukoll fl-Avviż tal-Kwesturi 11/2019 dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 23 tar-Regoli li jirregolaw l-akkoljenza ta' gruppi ta' viżitaturi u l-istabbiliment ta' kontribuzzjoni finanzjarja addizzjonali għall-viżitaturi bi bżonnijiet speċjali). Aktar informazzjoni dwar il-bażi legali hija pprovduta fir-rekord Nru 435, "Accréditation - Titres et autorisations d'accès au Parlement européen".

Fir-rigward tal-komunikazzjoni mal-kapijiet tal-gruppi, il-bażi legali hija l-Artikolu (5)(1)(d) tar-Regolament (UE) 2018/1725 – jiġifieri, is-suġġetti tad-data taw il-kunsens għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom għal finijiet speċifiċi.

### 4) Liema data personali tiġi pproċessata?

Se jiġu pproċessati l-kategoriji ta' data personali li ġejjin:

- Il-parteċipanti kollha: Kunjom, isem, data tat-twelid, indirizz postali sħiħ (triq, numru, kodiċi postali, belt, reġjun/kontea/provinċja, pajjiż), indirizz tal-posta elettronika, nazzjonalità, numru tal-ID;
- Għall-kapijiet tal-gruppi sponsorjati: Indirizz tal-email, lingwa, numru tal-ID, tip ta' ID, pajjiż tal-ID, numru tat-telefon, numru tat-telefon mobbli, isem (tal-kumpanija), detentur tal-kont, IBAN.

Barra minn hekk, nistgħu nipproċessaw:

- Prova ta' diżabbiltà, jekk ikun il-każ, għall-parteċipanti sponsorjati li huma eliġibbli għal sussidju addizzjonali bbażat fuq id-diżabbiltà;
- Prova ta' residenza għall-parteċipanti sponsorjati li mhumiex ċittadini tal-UE jew ċittadini minn pajjiżi kandidati jew minn ex Stat Membru tal-UE.

### 5) Għal kemm żmien se tinħażen id-data personali tiegħek?

Id-data personali tiegħek se tinħażen għall-ġestjoni u l-organizzazzjoni taż-żjarat:

- Għal gruppi mhux sponsorjati, id-data tinżamm għal sena għal raġunijiet ta' sigurtà (Direttorat Ġenerali għas-Sigurtà u l-Protezzjoni tal-Parlament Ewropew).
- Għall-gruppi sponsorjati, id-data tinżamm għal ħames (5) snin wara r-rilaxx (ġeneralment total ta' seba' (7) snin mill-mument tal-ġbir), kif meħtieġ mir-Regolament Finanzjarju tal-UE.
- Wara dawk il-perjodi, id-data tiġi anonimizzata għal finijiet statistiċi.

### 6) Min huma r-riċevituri tad-data personali tiegħek?

Ir-riċevituri tad-data personali tiegħek huma dawn li ġejjin:

- Għall-gruppi kollha: DĠ COMM (prenotazzjoni/organizzazzjoni) u DĠ SAFE (għal raġunijiet ta' akkreditazzjoni/sigurtà — jekk jogħġbok irreferi għar-rekord 435 “Accréditation - Titres et autorisations d'accès au Parlement européen”);
- Għall-gruppi sponsorjati: L-Unità tal-Ġestjoni tal-Akkwist, il-Kuntratti u l-Għotjiet tad-DĠ COMM, id-Direttorat Ġenerali għall-Finanzi (DĠ FINS) għall-verifika u l-kontrolli *ex post*, l-Unità tal-Finanzjament tal-Istrutturi Politiċi (DĠ FINS) biex jiġu evitati pagamenti doppji bil-programm “Iltaqa' mal-Membru tal-PE tiegħek”, is-Servizz tal-Awditjar Intern u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri f'każ ta' awditjar; l-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-PE għall-ordnijiet ta' rkupru.

Id-data personali tiegħek ma tiġix kondiviża ma' ebda pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali.

7) Fejn se tinħażen id-data personali tiegħek?

Il-fajls tad-data jinżammu fiċ-ċentru tad-data tad-Direttorat Ġenerali għall-Innovazzjoni u l-Appoġġ Teknoloġiku (DĠ ITEC) tal-Parlament Ewropew.

8) Jintużaw xi proċessi awtomatizzati<sup>2</sup> u/jew tfassil ta' profili<sup>3</sup> (profiling) biex jittieħdu deċiżjonijiet li jistgħu jaffettwawk?

Le.

9) Xi drittijiet għandek?

Għandek id-drittijiet li ġejjin:

- id-dritt li taċċessa d-data personali tiegħek;
- id-dritt għar-rettifika tad-data personali tiegħek;
- id-dritt għat-tħassir tad-data personali tiegħek, fejn applikabbli;
- id-dritt għar-restrizzjoni tal-ipproċessar, fejn applikabbli;
- id-dritt għall-portabbiltà tad-data, fejn applikabbli;
- id-dritt li toġġezzjona għall-ipproċessar, fejn applikabbli.

Jekk tixtieq teżerċita d-drittijiet tiegħek jew ikollok xi mistoqsijiet dwar l-ipproċessar tad-data personali tiegħek, tista' tindirizzahom lill-kontrollur tad-data permezz tal-kaxxa postali funzjonali:

---

<sup>2</sup> It-teħid ta' deċiżjoni b'mezzi awtomatizzati biss u mingħajr ebda intervent uman. {Eżempji teoretiċi: paġna tal-internet fejn jekk tagħżel ċerti opzjonijiet, ti tqiegħed awtomatikament f'listi ta' indirizzi elettroniċi differenti li permezz tagħhom tirċievi l-bullettin korrispondenti ta' kull xahar/l-użu ta' sistema awtomatizzata biex jiġu kkoreġuti t-tweġibiet ta' test “b'Għażla Multipla” u tingħata marka eliminatorja skont in-numru ta' tweġibiet tajbin}.

<sup>3</sup> It-tfassil ta' profili (profiling) janalizza aspetti tal-personalità, l-imġiba, l-interessi u d-drawwiet ta' individwu biex isiru previżjonijiet jew biex jittieħdu deċiżjonijiet dwaru. Jintuża biex jiġu analizzati jew imbassra aspetti dwar il-prestazzjoni fuq il-post tax-xogħol ta-suġġett ta d-data, is-sitwazzjoni ekonomika, is-saħħa, il-preferenzi jew l-interessi personali, l-affidabbiltà jew l-imġiba tiegħu, il-post fejn ikun qiegħed jew iċ-ċaqliq minn post għall-ieħor tiegħu, eċċ. {Eżempju teoretiku: meta tuża l-media soċjali tingħabar data u jiġu rreġistrati t-tendenzi tiegħek. Din id-data mbagħad tintuża biex jiġu fformati previżjonijiet ġodda/differenti dwarek.}

[visit@europarl.europa.eu](mailto:visit@europarl.europa.eu) jew bil-posta, f' envelop issigillat, lil: Visitors and Seminars Unit, Attention: the Head of Unit, Directorate-General for Communication, European Parliament, 60 rue Wiertz / Wiertzstraat 60, B-1047 - Bruxelles/Brussels.

Għandek ukoll id-dritt li tressaq ilment: Jekk għandek xi kummenti jew ilmenti dwar il-mod kif nipproċessaw id-data personali tiegħek, tista' tikkuntattja lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data tal-Parlament Ewropew hawnhekk: [data-protection@europarl.europa.eu](mailto:data-protection@europarl.europa.eu). Fi kwalunkwe każ, għandek id-dritt li tressaq ilment quddiem l-awtorità superviżorja tagħna, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, billi tikteb lil [edps@edps.europa.eu](mailto:edps@edps.europa.eu).